

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Hauptzollamt Frankfurt am Main

Konvenuta: Duval GmbH & Co. KG

### **Dispożittiv**

L-intestatura 9025 tan-Nomenklatura Magħquda li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [...], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1549/2006, tas-17 ta' Ottubru 2006, għandha tīgi interpretata fis-sens li tinkludi indikaturi tat-temperatura ambjentali magħmula mill-karta, fċerti każijiet miksija b'film tal-plastik, li, bħall-prodotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jindikaw, permezz ta' biċċla fil-kulur, b'mod irreversibbli u mingħajr il-possibbiltà ta' użu mill-ġid sussegwenti, jekk tkun intlaħqet temperatura limitu waħda jew iktar.

(<sup>1</sup>) ĠU C 127, 20.4.2015

### **Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-3 ta Diċembru 2015 – PP Nature-Balance Lizenz GmbH vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-82/15 P) <sup>(1)</sup>

(Appell — Prodotti mediciinati għall-użu mill-bniedem — Direttiva 2001/83/CE — Artikoli 31 u 116 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tordna lill-Istati Membri l-irtirar u l-emenda tal-awtorizzazzjonijiet nazzjonali ta' tqegħid fis-suq tal-prodotti mediciinati għall-użu mill-bniedem li fihom is-sustanza attiva “tolperisone”)

(2016/C 038/14)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### **Partijiet**

Appellant: PP Nature-Balance Lizenz GmbH (rappreżentant: M. Ambrosius, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B.-R. Killmann, A. Sipos u M. Šimerdová, aġenti)

### **Dispożittiv**

1) L-appell huwa miċħud.

2) PP Nature-Balance Lizenz GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C ##, ##.